# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1469/00**

**Numru 42**

**S.G. Consultants Limited**

**vs**

**Grech's Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u sebgha u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmi (Lm767.75) bilanc ta' somma akbar prezz ta' xoghol ta' reklamar li sar ghan-nom tas-socjeta' konvenuta fil-magazine Living 2000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2808/2000 kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-2 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-

Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm767.75,0 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2808/2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-istess mandat.

Alan Calleja
Dep.Reg